**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

# Seduta numru 27 tas-Sitt Leġislatura
# Illum it-Tnejn 16 ta' Mejju 2011

## (msejjħa b' urġenza)

**MINUTI**

Il-Membri eletti fl-elezzjonijiet lokali ltaqgħu fl-Uffiċċju Amministrattiv fil-5.30p.m. fuq l-Aġenda segwenti:

1. *Approvazzjoni tal-Minuti*
2. *Korrispondenza*
3. *Komunikazzjonijiet*
4. *Proġett BIOLMED – riżenja tal-Front Office Manager*
5. *Affarijiet Mixxellanji*

Kienu preżenti is-Sindku Paul Vella, il-Viċi-Sindku Eman Vella, il-Kunsillier Clayton Gauci, il-Kunsilliera Maria Said, il-Kunsillier Giovanni Gatt u s-Segretarju Eżekuttiv Cyprian Dalli. Il-laqgħa giet immexxija mis-Sindku, Paul Vella.

**1 Minuti**

*Approvazzjoni tal-Minuti*

1.1 Il-Minuti ġew meqjusa moqrija u wara konsiderazzjoni ġew approvati kif ippreżentati u għalhekk iffirmati mis-Segretarju Eżekuttiv u s-Sindku.

*Punti mill-Minuti*

1.2 (1.2) Eman Vella semma kif mill-500€ lil MEUSAC dwar l-applikazzjoni għall-Miżura 313, irridu jitnaqsu 175€ li ser jinżammu bħala penali peress li parti mid-dokumentazzjoni ddaħħlet tard. Eman Vella rrimarka li dan ma sarx minħabba xi nuqqas min-naħa tal-Kunsill imma peress li ż-żmien tas-sottomissjoin kienet ssikkata.

(2.8) Clayton Gauci semma li l-biljett ta' l-ajruplan tiegħu biex jipparteċipa fil-programm INTACT kien inħareġ mill-AKL u mħallas minn cheque tal-Kunsill, hekk kif maqbul fl-aħħar seduta.

(3.3) Clayton Gauci għarraf li l-attivita' tal-volleyball kienet saret u l-Kunsill irċieva donazzjoni ta' 100€ ta'dan.

## 2 Korrispondenza

2.1 Il-Kunsill innota l-korripondenza mill-MEPA.

2.2 Il-Kunsill innota wkoll ir-rapporti li daħlu fis-sistema tal-*Customer Care*.

2.3 Korrispondenza mingħand www.mymaltainfo.com dwar proposta ta' reklamar tal-lokalita' fuq is-sit elettroniku permezz ta' ritratti 360 deg. Għalkemm il-Kunsill laqa' din l-offerta b' interess, iddeċida li ma jaċċettax din l-offerta.

2.4 Korrispondenza mingħand Tony C. Cutajar dwar sponsorjar ta ktieb dwar rumanz ambjentat fl-Imġarr. Il-Kunsill qabel li ma jaċettax li jisponsorja dan.

2.5 Korrispondenza mingħand Heritage Malta dwar dzzjoni ta' żewġ siti biex fihom jitwaħħlu boards t' informazzjoni dwar ix-xogħol ta' rinovvament li ser issir fil-Banjijiet Rumani. Il-Kunsill identifika il-By-Pass (fejn hemm is-sinjal ta' merħba fil-lokalita') u l-arja tal-Knisja taż-Żebbiegħ fi Triq Sir Temi Zammit.

2.6 Korrispondenza dwar programmi ta' Life-Long Learning.

2.7 Korrispondenza mingħand studenta mir-Repubblika Ċeka li tixtieq tagħmel xogħol fil-Kunsill Lokali bħala parti mill-proġett ERASMUS. Wara diskussjoni u informazzjoni miġbura, il-Kunsill qabel li jaċetta l-proposta tagħha. Tkun tista' taħdem bejn Lulju u Novembru.

## 3 Komunikazzjonijiet

3.1 Eman Vella semma li Clifford Vella se jkun qiegħed ibigħ kotba fl-attivita' Ġidmiet Missirijietna, kif ukoll ser ikun qed jagħti informazzjoni fuq il-qiegħa waqt l-istess attivita'.

3.2 Clayton Gauci semma li hemm bozza fi Triq is-Sebħ li għandha bżonn tinbidel.

## 4 Proġett BIOLMED – riżenja tal-Front Office Manager

4.1 Is-Sindku ta' rendikont ta' fejn wasal il-proġett BIOLMED. Dan il-proġett jinsab fl-aħħar fażijiet tiegħu u għalhekk hu kruċjali li x-xogħol relatat miegħu isir fil-ħin u tajjeb biex jiġi konkluż bl-aħjar mod possibbli.

4.2 Is-Sindku ħabbar li s-Sur Shawn Vella li kien jokkupa l-kariga ta' Front Officer Manager fuq dan il-proġett issa ien offra r-riżenja tiegħu. Is-Segretarju Eżekuttiv

**Kunsill Lokali Mġarr**
22, Triq Sir Harry Luke, Mgarr, MST 10, Malta.
Tel : +356 21 520 011, +356 27 520 011 Fax : +356 21 522 252
E-Mail : mgarr.lc@gov.mt url : www.mgarr.gov.mt

ressaq fuq il-mejda u qara l-ittra tar-riżenja tas-Sur Vella, fejn fiha ddeskrivi li ma setgħax ikompli jokkupa l-kariga minħabba diversi impenji oħra.

4.3 Il-Kunsill, wara diskuzjoni, qabel li jaċċetta r-riżenja.

4.4 Il-Kunsill qabel ukoll li biex jitwettaq dan il-proġett, tinħareġ sejħa għall-kwotazzjonijiet għas-servizz ta’ Front Officer Manager għall-proġett BIOLMED li tkopri sa’ l-aħħar ta ’Settembru 2011 (meta hu maħsub li dan il-proġett jiġi konkluż) jew sakemm ix-xogħol relatat mal-proġett jiġi tterminat.

**5 Affarijiet Mixxellanji**

5.1 Eman Vella semma’ li hemm bżonn issir tabella ‘SLOW’ fi Triq Sir Temi Zammit biex u evitati inċidenti ta’ traffiku.

5.2 Is-Sindku semma kif kien irċieva ilment mingħand is-sidien tal-pompa tal-petrol fil-pjazza (quddiem il-bini tal-Kunsill) dwar l-installazzjoni ġdida ta’ bus-shelter u bus stop min-naħa ta’ l-Arriva. Is-Sindku semma’ kif dan kollu kien sar mingħajr l-ebda’ konsultazzjoni min-naħa ta’ l –Arriva.

**Aġġornament**

Il-laqgha ntemmet fis-7.10pm u ġiet aġġornata għat-Tnejn, 6 ta’ Ġunju 2011 fil-5.30pm.

***Cyprian Dalli***
Segretarju Ezekuttiv

***Paul Vella***
Sindku